



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 7 ta' Ottubru 2016
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2012/0179 (COD)

11625/16
ADD 1

PECHE 292
CODEC 1139

ABBOZZ TA' DIKJARAZZJONI TAR-RAĠUNIJIET TAL-KUNSILL

Suġġett: Pożizzjoni tal-Kunsill fl-Ewwel Qari bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament tal-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi kundizzjonijiet speċifiċi għas-sajd tal-istokkijiet tal-baħar fond fl-Atlantiku tal-Grigal u dispożizzjonijiet għas-sajd fl-ilmijiet internazzjonali tal-Atlantiku tal-Grigal u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2347/2002
– *Abbozz ta' dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill*

I. INTRODUZZJONI

1. Fid-19 ta' Lulju 2012, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat il-proposta fis-suġġett lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew.¹ Il-proposta kellha l-għan li taġġorna r-Regolament eżistenti li jstabbilixxi kondizzjonijiet speċifiċi għas-sajd tal-istokkijiet tal-baħar fond.²
2. Bejn Jannar 2014 u Novembru 2015, il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Politika Interna u Esterna tas-Sajd wettaq qari bir-reqqa tal-proposta.
3. Il-Parlament Ewropew ivvota dwar il-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fl-10 ta' Diċembru 2013.³
4. Wara eżami tal-emendi tal-Parlament mill-Grupp ta' Ħidma, b'kont meħud ukoll tal-prinċipji tal-PKS il-ġdida⁴, il-Presidenza Lussemburġiża ħejjiet test ta' kompromess kif jinsab fit-tielet kolonna tad-dokument 5803/5/14, inkluż l-aġġornamenti tekniċi deskritti fid-dokument 15306/15. Dan it-test ġie approvat mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti fl-11 ta' Novembru 2015, u abbażi ta' dan il-Presidenza nġhatat il-mandat li tiftaħ negozjati mal-Parlament Ewropew.
5. Wara t-trilogu tas-17 ta' Novembru 2015 li sar waqt il-Presidenza Lussemburġiża, u t-trilogi l-oħra tas-26 ta' April, il-25 ta' Mejju, l-14 u t-30 ta' Ġunju 2016 li saru taħt il-Presidenza Netherlandiża, intlaħaq qbil proviżorju mal-Parlament.
6. B'ittra datata t-13 ta' Lulju 2016, il-President tal-Kumitat għas-Sajd tal-Parlament Ewropew għarraf lill-President tal-Coreper 1 li, jekk il-Kunsill jibgħat formalment lill-Parlament Ewropew il-pożizzjoni tiegħu kif maqbula, soġġetta għal verifika mill-ġuristi-lingwisti, huwa ser jirrakkomanda lill-Plenarja li l-pożizzjoni tal-Kunsill tiġi aċċettata mingħajr emendi fit-tieni qari tal-Parlament.

¹ Ara d-dokument 12801/12.

² Regolament (KE) Nru 2347/2002.

³ Ara d-dokument 17452/2013.

⁴ Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

7. Fl-20 ta' Lulju 2016, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti kkonferma t-test ta' kompromess finali bil-ksieb li jkun hemm qbil.⁵

II. OBJETTIV

8. L-għan tal-proposta kien li taġġorna u tiffoka aħjar l-elementi ewlenin tar-Regolament eżistenti (ir-reġim għall-awtorizzazzjoni tas-sajd, il-ġbir ta' data, il-monitoraġġ tal-isforz, u l-kontroll), tissimplifika l-obbligi tar-rappurtar u tissupplimenta r-reġim b'miżuri biex jitnaqqas l-impatt tas-sajd fil-fond fuq l-ekosistema (il-kunċett ta' "impronta tas-sajd" u t-tneħħija gradwali tat-tkarkir tal-qiegħ).

III. ANALIŻI TAL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL FL-EWWEL QARI

A. Ġenerali

9. Il-pożizzjoni tal-Kunsill, fil-biċċa l-kbira tagħha, tapprova l-proposta tal-Kummissjoni fir-rigward tal-immodernizzar tar-reġim għall-awtorizzazzjoni tas-sajd, l-allinjament aħjar tad-dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-ġbir ta' data u r-reġistrazzjoni, is-simplifikazzjoni tar-rappurtar, u r-rieżami tad-dispożizzjonijiet dwar il-kontroll. Madankollu, il-Kunsill introduċa elementi ta' flessibbiltà sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv u jiġu evitati miżuri sproporzjonati (ara pereżempju l-Artikoli 5(6), 6(2), 10, 12 u 13(2) tal-pożizzjoni tal-Kunsill). Barra minn hekk, id-dispożizzjonijiet fakultattivi tal-proposta dwar il-ġestjoni tal-isforz tas-sajd ġew imħassra mill-Kunsill, minħabba l-prinċipji ġodda ta' ġestjoni stabbiliti bir-riforma tal-PKS, fosthom l-introduzzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art.

⁵ Ara d-dokument 11141/16.

10. Fid-dawl tar-riforma tal-PKS li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2014 wara li l-Parlament kien ivvota l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari, il-Kunsill ma setax jaqbel ma' ċerti emendi proposti mill-Parlament Ewropew li kellhom l-għan li jmorru lil hinn mill-prinċipji l-ġodda tal-PKS għas-sajd fil-fond (eż. l-emendi 36 u 37 dwar il-ġestjoni tal-kapaċità, l-emendi 65 u 66 dwar il-limiti ta' qbid f'sitwazzjonijiet bi ftit data dwarhom, l-emenda 71 dwar l-obbligu ta' ħatt l-art għall-ispeċijiet tal-baħar fond) jew elementi tal-PKS imtennija (eż. l-emenda 119 dwar l-appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd).
11. Fir-rigward tal-bidliet tal-proposta tal-Kummissjoni, il-Kunsill jibni fuq l-emendi ssuġġeriti mill-Parlament fir-rigward tal-"impronta tas-sajd" (mill-emenda 43 sa 55) u fir-rigward ta' żoni magħżula fejn jinsabu jew x'aktarx jinsabu ekosistemi marini vulnerabbli (VME) (l-emendi 42 u 56). Il-proposta tal-Kummissjoni għat-tneħħija gradwali tat-tkarkir tal-qieġh waqt sajd fil-baħar fond, li l-Parlament ma kienx aċċettaha kif kienet (ara l-emenda 62), fil-pożizzjoni tal-Kunsill ġiet sostitwita minn pakkett ta' dispożizzjonijiet, abbażi tal-konverġenza tat-tliet opinjonijiet differenti (ebda tkarkir tal-qieġh taħt it-800 metru fl-ilmijiet tal-UE u f'żoni tal-ilmijiet tal-UE identifikati għall-ħarsien ta' VME; kondizzjonijiet stretti għas-sajd esploratorju 'l barra minn żoni mistada stabbiliti ("impronta"), b'sanzjonijiet marbuta magħhom f'każ ta' nonkonformità; tisħiħ tal-ambitu ta' osservazzjoni, u tar-rekwiżiti għar-rappurtar dwar l-ispeċijiet li jindikaw il-probabbiltà ta' VME; u stima dettaljata tal-impatt tar-Regolament wara erba' snin).

B. Elementi partikolari

12. Ta' tħassib partikolari għat-tliet istituzzjonijiet kien l-ambitu ta' osservazzjoni abbord bastimenti li jistadu għal speċijiet tal-baħar fond. F'tentattiv biex jintlaħaq bilanċ bejn l-interess tal-Parlament fl-għarfien xjentifiku li qed jiżdied b'rata mgħaġġla dwar l-ispeċijiet tal-baħar fond u l-impatt tal-irkaptu, mal-interess tal-Kunsill fl-applikazzjoni ta' parametri standard ta' ambitu u tal-evitar li ċertu sajd jingħata preferenza fuq sajd ieħor f'sitwazzjoni ta' riżorsi umani skarsi, instab kompromess ta' ambitu ta' osservazzjoni ta' 20% li ser ikun obligatorju fuq bastimenti li jistadu għall-ispeċijiet tal-baħar fond bi xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ jew xbieki tal-garġi ankrati tal-qiegħ (l-Artikolu 16 tal-pożizzjoni tal-Kunsill). Dan il-persentaġġ jista' jiġi rivedut f'kodeċizzjoni wara valutazzjoni xjentifika li ssir fuq talba tal-Kummissjoni.
13. Matul il-kuntatti mal-Parlament u l-Kummissjoni, kien hemm nuqqas ta' qbil dwar il-kamp ta' applikazzjoni ġeografiku tar-Regolament. B'mod partikolari, il-Parlament appoġġa l-estensjoni tar-reġim il-ġdid għal operazzjonijiet ta' bastimenti tal-UE fl-ibħra internazzjonali tal-Atlantiku tal-Grigal, irregolati minn miżuri tal-Kummissjoni tas-Sajd tal-Atlantiku tal-Grigal (NEAFC). Il-Kunsill ikkontesta dan l-approċċ, fuq tħassib dwar ir-regoli diverġenti li ser ikunu japplikaw għall-istess żona, dwar l-approċċ ta' ġestjoni speċifika żviluppat min-NEAFC, filwaqt li enfasizza d-differenzi fil-modi ta' sajd. Jista' jinstab kompromess bl-estensjoni selettiva tar-regoli dwar l-ambitu ta' osservazzjoni biex jiġu koperti l-bastimenti li joperaw f'ibħra tal-NEAFC (l-Artikolu 16(5) tal-pożizzjoni tal-Kunsill), u b'hekk f'dan ir-rigward jiġi introdott standard li jkun ogħla minn dak applikat bħalissa fil-livell internazzjonali. Barra minn hekk, il-Kunsill jaqbel li, għall-operazzjonijiet f'ibħra tan-NEAFC, ikompli japplikaw id-dispożizzjonijiet dwar l-aċċess inizjali tar-Regolament dwar portijiet deżinjati, l-obbligu tal-informazzjoni u l-permessi għas-sajd (l-Artikolu 20(3) tal-pożizzjoni tal-Kunsill).

14. Fl-aħħar nett, il-Kunsill jaqbel dwar il-pożizzjoni tiegħu dwar pakkett ta' elementi ta' valutazzjoni (l-Artikolu 19) li għandu jwassal għal rieżami dettaljat tal-miżuri eżistenti u dawk ġodda fir-rigward tal-adeqwatezza tagħhom biex tinkiseb il-konservazzjoni fit-tul tal-istokkijiet, impatt baxx fuq il-VME u għarfien xjentifiku aħjar.

IV. KONKLUŻJONI

15. Bl-istabbiliment tal-pożizzjoni tiegħu, il-Kunsill ħa kont sħiħ tal-proposta tal-Kummissjoni u tal-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari.
-